



Summit tal-Euro

Brussell, 24 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

EURO 502/22

EUROSUMMIT 1
TSGC 2

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tas-Summit tal-Euro (24 ta' Ġunju 2022) – Dikjarazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dikjarazzjoni maqbula mis-Summit tal-Euro fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Dikjarazzjoni tas-Summit tal-Euro, imlaqqa' f'format inklużiv

1. Iddiskutejna s-sitwazzjoni ekonomika. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna qed twassal għal prezzijiet globali għoljin tal-enerġija, tal-prodotti bażiċi u tal-ikel u żieda fl-inċertezza, fatturi li qed inaqqsu t-tkabbir u jaggravaw il-pessjonijiet inflazzjonarji fuq skala dinjija.
2. L-ekonomiji tagħna għadhom fundamentalment b'saħħithom minħabba l-azzjonijiet ta' politika mdaqqsa tagħna fil-livell tal-UE, taż-żona tal-euro u dak nazzjonali. Aħna nibqgħu magħqudin fid-determinazzjoni soda tagħna biex inżidu r-reżiljenza tal-ekonomiji tagħna. Filwaqt li nieħdu nota tal-ittra tal-President tal-Grupp tal-Euro tal-21 ta' Ġunju 2022, nistiednu lill-Grupp tal-Euro biex jissorvelja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi. Ser inkomplu nkunu kkoordinati tajjeb, determinati u aġli fir-rispons tagħna.
3. Sistema finanzjarja Ewropea b'saħħitha hija strumentali biex tattira investiment sostnut, tappoġġa l-innovazzjoni, issaħħaħ ir-reżiljenza u tinfed it-tkabbir robust. Għaldaqstant, aħna:
 - a) nilqgħu d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro dwar il-futur tal-Unjoni Bankarja, li tippredvi li, bħala pass immedjat, il-ħidma fuq l-Unjoni Bankarja għandha tiffoka fuq it-tisħiħ tal-qafas komuni għall-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti. Nistiednu lill-Kummissjoni tressaq proposti leġiżlattivi sabiex jitlesta r-rinfurzar tal-qafas qabel tmiem iċ-ċiklu istituzzjonali attwali;
 - b) nilqgħu l-impenn tal-Grupp tal-Euro f'format inklużiv li sussegwentement jidentifika b'mod kunsenswali miżuri ulterjuri possibbli fir-rigward tal-elementi pendenti l-oħra biex l-Unjoni Bankarja tissaħħaħ u titlesta;
 - c) nappellaw biex jiżdiedu l-isforzi fl-appfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali;

- d) nilqgħu f'dan ir-rigward il-progress li sar fil-ħidma leġiżlattiva bil-ħsieb li jitrawwem investiment fit-tul fl-Unjoni Ewropea, jiġu adattati r-regolamenti prudenzjali bankarji u tal-assigurazzjoni, jiġu protetti t-tranżazzjonijiet finanzjarji kontra t-theddid ċibernetiku u kriminali, jiġu rregolati l-finanzi diġitali u jiġi miġġieled il-ħasil tal-flus.
4. Aħna nilqgħu l-iskadenza mistennija tal-qafas ta' sorveljanza msaħħa għall-Greċja, li ser jikkostitwixxi mument importanti għat-tkabbir sostenibbli, l-istabbiltà finanzjarja u r-responsabbiltà baġitarja kontinwa tal-Greċja.
-